Din il-paġna hija miġjuba lilkom mill-
**MINISTERU GĦAT-TRASPORT, L-INFRASTRUTTURA U PROĠETTI KAPITALI**

Transport Malta

# L-Ambjent u Jien

ta' Laura Galea,
Assistant Manager Sustainability & EU Affairs,
L-Awtorità għat-Trasport f'Malta

L-ambjent huwa suġġett importanti ħafna. Aħna l-bnedmin niddependu ħafna mill-ambjent ta' madwarna biex niksbu l-ikel, l-ilma, il-fjuwil, il-mediċini, il-materja prima u ħafna affarijiet oħra. L-avvanzi fix-xjenza u t-teknoloġija għenuna nużaw l-ambjent għall-ġid tagħna, iżda kkawżajna wkoll it-tniġġis u l-ħsara ambjentali. Għaldaqstant issa rridu naraw kif insibu rimedju biex nippruvaw innaqqsu kemm jista' jkun dan it-tniġġis u l-ħsara ambjentali qabel ma jkun tard wisq. L-ambjent huwa responsabilità ta' kull wieħed u waħda minna, mhux tal-adulti biss jew tal-gvern li jkun qed imexxi l-pajjiż.

Kif qed niġu affettwati, u x'nistgħu nagħmlu aħna fiċ-ċokon tagħna? Bħala tfal u adolexxenti nistgħu nkunu ta' eżempju kemm għal min hu ikbar minna kif ukoll għal min hu iżgħar. Jekk naħsbu ftit żgur insibu affarijiet żgħar li nistgħu nagħmlu biex innaqqsu t-tniġġis li qed noħolqu aħna stess, u biex innaqqsu l-ħela, speċjalment fejn jidħlu r-riżorsi naturali. Bħalma nafu dawn ir-riżorsi naturali ladarba jinħlew ma nistgħux nerġgħu nġibuhom lura, pereżempju l-faħam u l-pitrolju. It-tniġġis tal-arja u l-baħar ukoll għandhom iġegħluna naħsbu.

Issa li semmejna kif qed niġu affettwati direttament jew indirettament minn dan it-tniġġis, tridux insemmu ftit ideat ta' x'nistgħu nagħmlu biex innaqqsuh kemm jista' jkun? Pereżempju ma nużawx prodotti li jissejħu "single-use plastic". Meta nixtru prodotti elettroniċi nippruvaw nixtruhom energy efficient u li jkunu ċertifikati A, għax dawn jikkunsmaw inqas elettriku. Għandna nixtru aktar prodotti li huma riċiklati, speċjalment pitazzi, scrapbooks u affarijiet akkademiċi. Jekk ikollna pitazzi ħżiena nistgħu nużawhom meta nkunu rridu biċċa karta ħażina jew biex niktbu x-xirja eċċ. u mhux naqbdu u narmuhom.

Fejn nistgħu nużaw it-teknoloġija nużawha, pereżempju niktbu fuq il-kompjuter biex jekk ikollna nħassru jew nerġgħu nibdew mill-bidu ma narmux il-karti, u meta nirċievu email kemm nistgħu ma noqogħdux nipprintjawha – hekk nevitaw l-użu tal-karti bla bżonn.

Għandna noħduha bħala regola ġenerali li fejn nistgħu dejjem nevitaw il-ħela. Eżempju ieħor kif innaqqsu t-tniġġis hu li meta ninħaslu jew naħslu snienna dejjem nevitaw il-konsum eċċessiv tal-ilma. Anke meta naħslu l-ħwejjeġ għandna naraw li jkun hemm ammont ta' ħwejjeġ u mhux nagħmlu load bi ftit ħwejjeġ biss. Dan ukoll huwa ħela. U nitfu d-dawl meta noħorġu minn xi kamra. Xi ngħidu dwar kif nivvjaġġaw minn post għal ieħor? Jekk se mmorru qadja viċin ta' fejn noqogħdu dejjem għandna mmorru bil-mixi jew forsi bir-rota, minflok niddependu mill-ġenituri biex iwassluna bil-karozza. Kemm nistgħu nużaw it-trasport pubbliku jew mezzi aktar sostenibbli, bħall-vetturi elettriċi, l-escooters u l-pedelecs, dawn il-mezzi ta' trasport jgħinuna nnaqqsu dejjem aktar mit-tniġġis tal-arja kif ukoll it-tniġġis tal-istorbju. Il-car pooling ukoll jista' jgħinna nnaqqsu t-tniġġis tal-arja u l-konġestjoni tat-traffiku.

L-Unjoni Ewropea tistinka biex tiżgura li l-politika kummerċjali tgħin biex tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli permezz ta' ftehimiet kummerċjali, inċentivi speċjali għall-pajjiżi li qed jiżviluppaw u politika tal-kummerċ u l-iżvilupp.

Jekk kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, naslu, però jekk se nibqgħu ngħidu, "Imbagħad nibda għada!" jew "Imbagħad nitfih id-dawl!" jew "Darb'oħra mmur bil-mixi," id-darb'oħra mhi se tasal qatt, u se naslu f'punt meta mhux se jkollna aktar dinja fejn ngħixu. Mela importanti nibdew illum qabel għada u kulħadd jagħmel il-parti tiegħu, żgħira kemm hi żgħira. L-ambjent huwa tagħna lkoll u aħna lkoll għandna nerfgħu r-responsabilità flimkien. Ejjew inħallu ambjent isbaħ u aħjar għall-ġenerazzjonijiet ta' warajna.

